



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 162/23

Il-Lussemburgu, 26 ta' Ottubru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-238/22 | LATAM Airlines Group

Rifjut ta' imbark antiċipat: il-passiġġieri għandhom dritt għal kumpens anki jekk ma jkunux ippreżentaw ruħhom għaċ-check-in u jkunu ġew informati dwar dan ir-rifjut ta' imbark mill-inqas ġimagħtejn qabel il-ħin ta' tluq previst tat-titjira

Passiġġiera kkuntattjat lill-kumpannija LATAM Airlines wara li ma rnexxilhiex tagħmel check-in għaliha nnifisha fuq it-titjira minn Frankfurt am Main lejn Madrid, li hija kienet irriżervat għall-jum sussegwenti. Kien hawnhekk li din il-kumpannija informatha li, mingħajr ma qaltilha, kienet ittrasferietha lejn titjira li ġiet operata lejliet. Hija informatha wkoll li r-riżervazzjoni tagħha għat-titjira ta' ritorn, li kellha tiġi operata iktar minn ġimagħtejn wara, kienet ġiet imblukkata minħabba li hija ma kinitx ħadet it-titjira ta' tluq. Din il-passiġġiera talbet lil LATAM Airlines kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa ta' EUR 250 minħabba r-rifjut ta' imbark fuq it-titjira ta' ritorn.

Il-qorti Ġermaniża adita mill-passiġġiera staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali kumpens jippreżupponix, skont ir-Regolament dwar id-dritt tal-passiġġieri tal-ajru ¹, li l-passiġġier ikun ippreżenta ruħu għaċ-check-in minkejja l-fatt li l-kumpannija tal-ajru tkun informatu bil-quddiem li ma jkunx ser jitħalla jimbarka. Din il-qorti xtaqet ukoll tkun taf jekk il-kumpannija tal-ajru tistax, kif inhu previst għall-kanċellazzjonijiet ta' titjira, tiġi eżentata mill-obbligu ta' kumpens meta tinforma lill-passiġġier dwar ir-rifjut ta' imbark suffiċjentement bil-quddiem, jiġifieri mill-inqas ġimagħtejn qabel il-ħin ta' tluq previst tat-titjira.

Fis-sentenza tagħha tal-lum il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, **fil-każ ta' rifjut ta' imbark antiċipat, il-kumpens għal rifjut ta' imbark ikun dovut anki jekk il-passiġġier ikkonċernat ma jkunx ippreżenta ruħu għaċ-check-in**. Fil-fatt, meta t-trasportatur bl-ajru jkun informah bil-quddiem li ser jirrifjuta jħallih jimbarka, kontra r-rieda tiegħu, fuq titjira li għaliha dan il-passiġġier ikollu riżervazzjoni kkonfermata, ir-rekwiżit li dan jippreżenta ruħu għaċ-check-in ikun **formalità inutli**.

Barra minn hekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt għal kumpens japplika anki jekk il-passiġġier ikun ġie informat bir-rifjut ta' imbark mill-inqas ġimagħtejn qabel il-ħin ta' tluq tat-titjira prevista. Fil-fatt, ma hemmx raġuni li tiġġustifika l-applikazzjoni, għar-rifjuti ta' imbark, tar-regola, prevista biss għall-kanċellazzjonijiet ta' titjira, li tgħid li t-trasportaturi bl-ajru jinħelsu mill-obbligu tagħhom li jikkumpensaw lill-passiġġieri jekk dawn jinformawhom bil-kanċellazzjoni tat-titjira mill-inqas ġimagħtejn qabel il-ħin ta' tluq previst.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni

għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju tas-sentenza](#) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(KE\) Nru 261/2004](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91. Dan ir-regolament japplika, bħala prinċipju għat-titjiriet kollha ta' tluq mill-Unjoni Ewropea kif ukoll għat-titjiriet kollha lejn l-Unjoni jew dawn tal-aħħar jiġu operati minn kumpannija tal-ajru tal-Unjoni. Il-kumpens f'forma ta' somma f'daqqa li l-imsemmi regolament jipprevedi b'mod partikolari għall-każijiet ta' annullament jew ta' rifjut ta' imbark huwa, skont id-distanza tat-titjira, ta' EUR 250, 400 jew 600.